MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Numru 555/2008

Il-Pulizija

(Spettur Mario Tonna)

vs

Spiridione D’ Amato

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Spiridione D’Amato ta’ 38 sena, iben Carmelo u Josephine nee’ Camilleri, imwieled Santa Lucija fit-2 ta’ Gunju, 1970 u residenti 4, Triq it-Tigrija, Marsa u dententur tal-karta tal-identita numru 242570(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar il-25 ta' Gunju 2008 ghall-habta ta' 9.45pm gewwa Triq il-Marsa, Marsa ittanta li kikkommetti serq ta' Lap Top, Cash Register u oggetti ohra minn gewwa il-fond Galea Confectionery a detriment ta' Joseph Galea minn Hal-Ghaxaq liema serq ma sehhx minhabba xi haga accidentali y indipendenti mill-Volonta' tal-imputat u dan ai terminu tal-Artikolu 41 (a), liema attentat ta' serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, u jin dan ai terminu tal-Artikolu 261, 263, 267,270, 279 (a) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess lok, datam hin u cirkostanzi hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' partijiet mill-fond imsemmi fl-ewwel akkuza ghad-dannu ta' Joseph Galea minn Hal-Ghaxaq u dan ai terminu tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba titratta ma l-imputat bhala li rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u dan ai terminu tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 30 ta' Gunju, 2008 sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat in-nota prezentata mill-Ufficjal Prosekutur l-ispettur Mario Tonna fl-1 ta' Ottubru, 2008 esebita a folio 44 tal-process u c-certifikat tal-mewt anness immarkat bhala Dok A a folio 45 tal-process.

Ghaldaqstant wara li hadet konjizzjoni tan-nota u tac-certifikat tal-mewt prezentati mill-Ufficjal Prosekutur il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------